MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1010/2004

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Kenneth Smith**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Mejju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm139) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm128 bhala prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u ikkonsenjata u in kwantu ghal Lm11 bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta'l-avviz.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data ta'l-effettiv pagament kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm128), kif ukoll hdax-il lira dovuti bhala imghaxijiet legali sat-13 ta' Mejju 2004 u bl-imghaxijiet legali ulterjuri minn din id-data sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------